

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 590/2007**tat-30 ta' Mejju 2007****dwar il-ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni tas-sistema B fis-settur tal-frott u tal-ħaxix (tadam)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

rendiment tajjeb tas-sistema tar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fis-settur tal-frott u tal-ħaxix.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex ⁽¹⁾,

(3) Biex tittaffa din is-sitwazzjoni, huwa floku li jkunu miċħuda l-applikazzjonijiet għal liċenzji tas-sistema B għat-tadam esportat wara t-30 ta' Mejju 2007, sa tmiem il-perjodu kurrenti ta' esportazzjoni,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1961/2001 tat-8 ta' Ottubru 2001 li jstabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 rigward ir-rifondi ta' l-esportazzjoni tal-frott u tal-ħxejjex ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(6) tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Billi:

Għat-tadam, l-applikazzjonijiet għal liċenzji għall-esportazzjoni tas-sistema B, imressqa skond l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 134/2007, li għalihom għiet aċċettata d-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni tal-prodotti, wara t-30 ta' Mejju u qabel is-1 ta' Lulju 2007, huma miċħuda.

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 134/2007 ⁽³⁾ stabbilixxa l-kwantitajiet indikattivi li għalihom jistgħu jinħarġu liċenzji għall-esportazzjoni tas-sistema B.*Artikolu 2*

(2) Fid-dawl ta' l-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha fidejha llum, għat-tadam, il-kwantitajiet indikattivi previsti għall-perjodu ta' esportazzjoni li għaddej bħalissa jistgħu jinqabżu dalwaqt. Dan il-qbiż ikun ta' ħsara għar-

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-31 ta' Mejju 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Mejju 2007.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 297, 21.11.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 47/2003 (ĠU L 7, 11.1.2003, p. 64).

⁽²⁾ ĠU L 268, 9.10.2001, p. 8. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 548/2007 (ĠU L 130, 22.5.2007, p. 3).

⁽³⁾ ĠU L 42, 14.2.2007, p. 16, korreġut fil-ĠU L 52, 21.2.2007, p. 12).